MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Numru. 546/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**
**KONTRA**

**RAYMOND SCICLUNA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Raymond Scicluna ta’ 52 sena, bin rita nee’ Scicluna, mwieled Pieta’ nhar it- 22 ta’ Awwissu 1957, residenti Petra, Flats, Flat 12, Triq il- Gidwet, M’Scala u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 759657(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it- 2 ta’ April 2010 ghall habta ta’ 00.48hrs gewwa l- fond The Cork, Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta’ Laptop tad- ditta Gateway, ghad-detriment ta’ Tony George Bensin, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur u bil- hin;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta ghall-perijodu ta’ sentejn.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------